MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 1032/2006

**IL-PULIIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**KEITH CREMONA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Keith Cremona, ta’ 18-il sena, bin Francis u Theresa nee’ Attard, imwieled Tal-Pieta’, nhar it-23 ta’ Novembru, 1987, residenti fil-fond numru 171/2, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 530687 (M);

Akkuzat talli nhar l-10 ta’ Jannar, 2006 u fix-xhur ta’ wara din id-data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoini tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu.334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Keith Cremona hati, izda tillberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------